

# Nadurawk Ja Ħobż tas-Sema (1913-2013)

## Mitt Sena Innu għall-Poplu

**Dr Philip Ciantar**
*B.Ed(Hons.); MA (Dunelm); PhD (Sheffield); LLCM*

Wieħed mill-innijiet reliġjużi għal qalb il-Maltin huwa bla dubju ta' xejn l-innu *Nadurawk Ja Ħobż tas-Sema* bi kliem ta' Dun Karm Psaila (1871-1961) u mużika tas-Surmast Ġużeppi Caruana (1880-1931). Dan l-innu, li oriġinarjament inkiteb bit-Taljan bit-titlu *T'Adoriam Ostia Divina*, is-sena d-dieħla se jagħlaq mitt sena minn meta nkiteb u tkanta għall-ewwel darba minn kor tat-tfal waqt il-Kungress Ewkaristiku Internazzjonali li kien tlaqqa' f'Malta bejn it-23 u s-27 t'April 1913. Għal dan il-Kungress kienu attendew mat-30,000 ruħ minn kull rokna tad-dinja, fosthom 40 isqof u ħames kardinali. Wara dik l-okkażjoni l-innu kiseb popolarità kbira kemm lokalment kif ukoll internazzjonalment, tant li llum tista' tkun imsiefer u tisimgħu jitkanta bil-lingwa tal-post.

F'din il-kontribuzzjoni qasira tiegħi nixtieq nagħti ħarsa lejn it-twelid ta' dan l-innu, it-tixrid tiegħu f'pajjiżna u barra minn xtutna, u x'hemm fih li għamlu tant ħlejju għall-widna kemm tal-Maltin u tal-barranin. Dan tal-aħħar se nipprova naghmlu b'mod konċiż u mingħajr ma nidħol f'ħafna teknikalitajiet mużikali li ma jkunu jfissru xejn għal min ma jkunx familjari magħhom.



## It-Twelid tal-Innu

Kif beda dan l-innu jirrakkontah Dun Karm innifsu f'artiklu li kien kiteb fl-1944 fil-ħarġa ta' Marzu tal-ġurnal *Il-Malti*. Dun Karm jispjega kif għodwa waħda waqt li kien fi Triq Irjali l-Belt (illum Triq Repubblika) mar fuqu Ġużeppi Caruana u talbu jiktiblu ftit vrus għal innu li kellu jitkanta waqt it-tqarbin fil-ġranet tal-Kungress. L-għada, Dun Karm wera xi vrus ta' dan l-innu lil Caruana imma deher li l-poeta ma kienx sodisfatt bihom tant li lil Caruana qallu li m'għoġbuhx u li kien se joħodlu xi ħaġa aħjar l-għada. Dun Karm ikompli jispjega kif l-għada reġa' iltaqa' ma' Caruana fil-Kon-Kattidral ta' San Gwann u lil dan urieh dawk il-vrus bit-Taljan li aktar tard inqalbu f'għadd ta' lingwi. Fl-istess rakkont (p.5), Dun Karm jispjega kif fl-istess laqgħa lil Caruana semmagħlu motiv li kien sema' bosta drabi mill-ambjenti tar-raba' u li hu ħass li kien jixraq ħafna għall-kliem tal-innu tiegħu:


T'ADORIAM OSTIA DIVINA

INNU EWKARISTIKU

T'Adoriam Ostia Divina – Kliem u Mużika

Iltqajna fil-kuritur tal-lemin ta' San Ġwann. Kif qrahom "Dawn huma," qalli. Jien

issoktajt: "U ara, Ġuż, il-mużika hix xi ħaġa bħal din?" U għannejtlu motiv minn għanja Maltija li kont smajt eluf ta' drabi mill-bdiewa u mix-xbejbiet Maltin fil-beraħ tar-raba'. Mistagħġeb, fetaħ dirgħajh, fittex fil-but u sab biċċa karta u qalli: "Hawn, araha!" Ħażżeż erba' noti u beda jkantahom. "Għada", issokta jgħidli, "nibgħatlek kopja": u l-għada ġiet il-kopja ta' dawk l-erba' noti tal-għaġeb li minn dak in-nhar xterdu u nstemgħu mad-dinja kollha. [sic.]


Kungress Ewkaristiku 1913 - Rabat

Dak li stqarr Dun Karm itella' fil-wiċċ il-fatt li l-mużika ta' dan l-innu mbniet fuq motiv meħud mill-mużika folkloristika Maltija u li għalhekk ix-xejriet mużikali li nsibu fih kellhom diġà l-egħruq tagħhom f'mużika diġà magħrufa u, probabbilment, maħbuba mill-poplu.

## Lil hinn minn Xtutna

Peress li l-innu kellu jitkanta mit-tfal tad-duttrina wara t-tqarbina fil-knisja ta' San Publiju l-Furjana, id-Direttur tal-istess ċentru ħa l-inizjattiva li jistampa xi ftit kopji tal-innu. Ħa ħsieb ukoll li jagħmel bl-idejn kopji bil-mużika ta' dan l-istess innu biex jitqassmu flimkien mal-vrus. Sfortunatament imma, tħallew barra minn dawn il-kopji kemm l-isem ta' Dun Karm u kemm dak ta' Ġużeppi Caruana bħala l-awtur u l-kompożitur rispettivament. Meta tkanta, l-innu ntgħoġob ħafna tant li xi isqfijiet barranin talbu kopja tal-mużika u l-kliem tiegħu biex joħduhom magħhom pajjiżhom. Dwar dan, Dun Karm kiteb hekk:

Fost l-isqfijiet li kienu ġew għall-Kungress, kien hawn Mons. Arista, ta' Acireale, u s-segretarju tiegħu, imgħaġġeb bil-ħlewwa ta' dak l-innu, talab kopja tal-kliem u tal-mużika biex jeħodhom miegħu fid-djoċesi ta' Acireale, u xi ħadd tah kopja tal-kliem u tal-mużika kif kienu, mingħajr l-isem tal-awtur tal-wieħed u tal-oħra: ħadhom miegħu u wara ftit taż-żmien, ingħidu b'għafsa ta' qalb, dehru stampati hemmhekk bl-avviż "li ħadd ma jista' jerġa' jistampahom!!!"

Wara din l-ewwel esekuzzjoni mit-tfal tal-Furjana, *T'Adoriam Ostia Divina* inxtered ma' bosta pajjiżi u nqaleb f'għadd ta' lingwi barranin. F'dawn il-verżjonijiet, l-ismijiet ta' Dun Karm u ta' Caruana jew ma ssemmewx jew dehru bħala anonimi (Mifsud 1981:17). Lokalment, kien hemm ukoll xi kappillani li bdew jaqilbu dan l-innu minn rajhom għall-Malti biex il-poplu jifhmu. Dun Karm ma ħax gost b'dan tant li fil-ħarġa tal-ġurnal *Il-Ħabib* t'Ottubru 1924, ta l-verżjoni tiegħu bil-Malti taħt it-titlu *Nadurawk ja Ħobż tas-Sema* (ibid.). Din it-traduzzjoni kellha ssostni x-xewqa ta' Dun Karm li jagħti lill-poplu innu b'kontenut teoloġiku profond imma li fl-istess ħin imfisser fi kliem li jinftiehem min-nies komuni; dan kollu kellu jiżvolġi f'kuntest mużikali mirqum b'sengħa u sensittiv għall-kliem u t-tifsir tiegħu.

## Għala Ħlejju?

Hemm bosta raġunijiet għala l-innu *Nadurawk Ja Ħobż tas-Sema* hu daqstant "tal-

widna". Mhemmx dubju li hemm kontinwità fl-istil li Caruana ħaddem fin-nisga ta' dan l-innu u ta' innijiet oħra li kkompona ma' Dun Karm bħal fl-*Innu ta' Filgħodu*, l-*Innu ta' Filgħaxija*, l-*Innu Lil San Filippu t'Aggira*, *Fil-Ħlewwa ta' Mejju* u l-innu *Lill-Qalb ta' Ġesù* (jew kif inhu magħruf *Tina l-Ħlewwa*). L-istil ta' Caruana huwa wieħed mexxej imma li fl-istess ħin metikoluż. Ta' min jinnota f'dawn l-innijiet, ngħidu aħna, il-predominanza ta' bidu li mużikalment jevita l-aċċent immedjat fuq l-ewwel sillaba tal-vers u minflok dan jaqa' b'mod tant tajjeb fuq l-ewwel aċċent tal-vers. Dan juri l-għarfien li kellu l-kompożitur tal-istruttura tal-vers u l-mużikalità poetika li fuqha jkun imsejjes. Minnu nnifsu, dan l-effett kien kontinwament parteċipi fis-sens ta' stennija li Caruana ħaddem tant tajjeb f'dawn l-innijiet.

F'*Nadurawk Ja Ħobż tas-Sema*, is-sens ta' stennija nsibuh kemm fuq il-livell ta' vers u kemm fuq dak ta' strofa. Fuq il-livell ta' vers insibu l-ottonarju li melodikament jinqasam fi speċi ta' "sejħa" u "tweġiba" fejn is-"sejħa" mhi xejn mingħajr it-"tweġiba", il-waħda tistenna lill-oħra biex jinbena sens sħiħ. Din il-karatteristika insibuha wkoll fl-għana Malti fejn kull vers ukoll jinbena b'dal-mod bir-riżultat li fiż-żewġ każijiet insibu melodija li tenfasizza ċerta ekonomija kemm ritmika u melodika. Barra minn hekk, kull vers f'dan l-innu jibda fuq nota ogħla minn dik ta' qabilha. Dan il-fatt joħloq iktar stennija minn vers għall-iehor sakemm tintlahaq il-klajmaks fir-ritornell li fih innifsu huwa rijaffermazzjoni tal–istqarrija fl-ewwel żewgt ivrus. F'das-sens, kemm il-vrus u kemm il-mużika jitfgħu enfasi fuq l-ewwel stqarrijiet tal-bidu tant li l-bidu jsir il-klajmaks tal-istess innu; dan jinbena bi sforz konġunt bejn il-mużika u l-poeżija. Għall-kuntrarju ta' dak li jagħmel Caruana għar-ritornelli f'innijiet bħall-*Innu ta' Filgħodu*, *Tina l-Ħlewwa* u *Lil San Filippu t'Aggira*, f'*Nadurawk Ja Ħobż tas-Sema* il-mużika ma tibdilx it-temp biex tħeġġeġ għall-fervur imma tibqa' fl-istess temp tal-bidu għax ir-riaffermazzjoni hija waħda iffukata u deċisiva daqs il-mużika li tesprimiha:

Nadurawk ja ħobz tas-sema
Frott l-imħabba l-iżjed bnin

Dawn ix-xejriet mużikali iħeġġu għal iktar parteċipazzjoni mill-kongregazzjoni u, għaldaqstant, għal iktar kollettività għal dak li mużikalment u poetikament qed jiġi mistqarr minnha.

Dan kollu jiżvolġi f'kuntest armoniku ristrett u meqjus li mhux biss isegwi s-simetrija melodika li tikkaratterizza dan l-innu imma iktar minn hekk jikkumplimenta b'mod tajjeb s-sempliċità tal-istess melodija. Imma anke hawn, l-għażla tat-tliet akkordji magħżula minn Caruana tkompli tħeġġeg għal iktar parteċipazzjoni filwaqt li bl-ebda mod ma tiddevja l-attenzjoni minn fuq il-kliem innifsu. Caruana jilħaqq il-klajmaks tiegħu fuq akkordju li jkun tana ħjiel tiegħu ftit qabel imma b'għaqal tekniku jaħbihulna u jġegħlna nixxenqu għalih sakemm jerġa' jidher fuq l-ewwel kelmiet tar-ritornell. F'das-sens, in-narrattiva mużikali li tinbena f'dan l-innu ssir metafora tan-narrattiva twila, imma fl-istess ħin ħelwa, tan-Nisrani fil-mixja tiegħu lejn l-għarfien tal-misteru Ewkaristiku. F'dan kollu, hemm sens ta' stennija reliġjuża rrappreżentata tant tajjeb mużikalment li nftehmet anke lil hinn minn xtutna.

**Referenzi**

Mifsud, Ġorġ. 1981. *Mill-Kompożizzjonijiet ta' Ġużeppi Caruana (1880-1931)*. Malta: Pubblikazzjoni Bugelli.
Psaila, Dun Karm. 1944. 'T'Adoriam Ostia Divina', *Il-Malti* Marzu: 5-8.